MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 565/2014

**Alaeddin Halbie u Samah Mansour**

**vs**

**Mary Giardina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Alaeddin Halbie u Samah Mansour li permezz tieghu gie premess illi:

B'konvenju datat fid-9 ta' Mejju 2013, redatt minn Nutar Pubbliku Dottor Annalise Micallef, l-intimata Mary Giardina wieghdet u obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi l-proprjetà Minken bin-numru ufficjali mija sitta u tletin (136) gia bin-numru sitta (6) u sebgha (7) li jinsab gewwa Triq St. Albert, Gzira, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu ghall-prezz ta' mija u sittax-il elf, erba' mija tmienja u sittin Ewro (€116,468) u dan kif jidher mil-hawn anness Dokument markat Dok. A.

L-istess konvenju indikat fil-paragrafu precedenti, wara li gie mgedded diversi drabi, kellu validità sa 27 ta' Mejju 2014 u dan kif jidher mill-hawn anness dokument markat Dok. B.

L-intimata giet interpellata permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Mejju 2014, biex taddivjeni ghal-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv, izda baqghet inadempjenti u dan kif jidher mill-hawn anness dokument markat Dok. C.

Intalbet din il-Qorti biex:

(i) Tiddikjara lill-intimata fuq indikata biex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili tal-bejgh tal-fond fuq imsemmi u dan, bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmi konvenju.

(ii) Tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dottor Sean Critien biex jippubblika l-att tal-bejgh relattiv u tiffissa data, hin u lok fejn dan ghandu jigi ppubblikat.

(iii) Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez, inkluzi dawn tal-ittra ufficjali datata l-26 ta' Mejju, 2014 kontra l-intimata ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat ir-risposta mahlufa ta' Mary Giardina li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi l-konvenju mertu tal-kawza skada rrimedjabilment minhabba agir tar-rikorrenti kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Subordinament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-konvenju bejn il-partijiet huwa wkoll null ghaliex irrizulta li qatt ma thallas depozitu f'idejn in-nutar kif hemm dikjarat fl-istess konvenju.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat li, minkejja li gie moghti diversi differimenti ghall-produzzjoni tal-provi, r-rikorrenti qatt ma deher u lanqas ressaq ebda prova.

Semghet xhieda viva voce.

Rat affidavit prodotti mill-intimata.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti f'din il-kawza ma ressqu ebda prova. L-intimata, minn naha taghha ppruvat ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti illi l-konvenju de quo kien skada irrimedjabilment. Il-provi kollha juru li r-rikorrenti qatt ma kellu l-finanzi biex jersaq ghall-kuntratt finali. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghax-xhieda tan-Nutar Sean Critien, ta' Alex Grech u tal-intimata stess.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu minn Alaeddin Halbie u Samah Mansour.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------